MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2011

Numru. 1085/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Berry Grillo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Berry Grillo** ta’ 32 sena, bin Henry u Pauline *nee*’ Darmanin, mwieled Pieta nhar is-16 ta’ Gunju 1979, detentur tal-karta tal-identita numru 299279(M) residenti gewwa 21A, Pjazzetta San Filippu, Birgu;

Talli f’ dawn il-gzejjer, fit-30 t’April 2008 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’ xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, wieghed, ta jew offra, sew b’ mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi

influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’ mezz ta’ rigali jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’ xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;

Semghet l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat;

Rat ic-cirkostanzi tal-kas;

Fehmet li l-akkuzat ikkopera mal-ewwel mal-Pulizija u semghet ukoll lill-partijiet;

Ghalhekk fic-cirkostanzi qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------